MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 10/2006

Il-Perit Gordon Vella u l-Perit Anna Maria Attard Montalto ezercitanti n-negozju taht isem id-ditta "Dimech-p.ARC"

vs

Dr. Chris Said gie nominat bhala kuratur deputat b'digriet tal-10 ta' April 2006, sabiex jirrapprezenta lill-imsifrin David u Jannie konjugi Pinfold

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

"Illi l-atturi joperaw ufficcju li permezz tieghu jaghtu servizzi u konsulti peritali.

Illi l-konvenuti ghamlu uzu minn dawn is-servizzi in konnessjoni ma' xoghol ta' alterazzjonijiet strutturali fil-fond bl-isem "Heart's Ease", Triq Birbuba, Gharb, Ghawdex.

Illi ghadha dovuta lill-atturi s-somma ta’ tlett mija u tnejn u tletin lira Maltija u sitta u sebghin centezmi (Lm332.76) rapprezentanti hlas ghall-provvista ta’ dawn is-servizzi.

Illi minkejja diversi nterpellazzjonijiet il-konvenuti naqsu li jhallsu dan l-ammont.

Illi ghalhekk l-atturi jridu li l-konvenuti jkunu kkundannati jhallsu dan l-ammont flimkien ma’ l-imghax mid-data tas-servizz sad-data tal-hlas relattiv, l-ispejjez ta’ din il-kawza, l-ispejjez ta’ l-ittra interpellatorja mibghuta fl-14 ta’ April 2004, u tal-ittra ufficjali mibghuta fit-22 ta’ Frar 2005”;

Ra r-risposta tal-Avukat Dottor Chris Said mahtur kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-konvenuti b’digriet tal-10 ta’ April 2006, li tghid hekk :

“Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhhu ghall-provi migjuba;

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez”;

Ra wkoll l-verbal tal-udjenza tal-14 ta’ Gunju 2006, f’liema udjenza kien deher personalment l-imharrek David Pinfold u oppona t-talba tad-ditta attrici peress li huwa jhoss li l-ammont mitlub mill-atturi huwa esagerat skond kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Sama’ il-provi li ressqu l-partijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Sama’ lill-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra :

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' drittijiet professjonali. Id-ditta attrici "Dimech-p.ARC" hija kumpannija ta' periti li kienet giet imqabbda mill-imħarrkin in konnessjoni ma' xi tfassil ta' xogħolijiet strutturali li l-imħarrkin riedu jagħmlu f'*terraced house* fi Triq Birbuba, l-Għarb, Għawdex, li dwarha kienu daħħlu f'konvenju għall-akkwist tagħha, kif ukoll biex jigi ppreparat skizz tad-disinnji preliminari, u specifikazzjonijiet tax-xogħol, u tigi sottomessa applikazzjoni għall-permessi relattivi dwar l-izvilupp li l-imħarrkin riedu jagħmlu fl-istess fond. Gara li l-imħarrkin qatgħu ħesrem kull kuntatt mad-ditta attrici wara li apparentement in-negozju għax-xiri tad-dar ma kienx irnexxa, u dan mingħajr ma l-imħarrkin kienu avzaw lill-atturi biex ma jissoktawx bl-inkarigu tagħhom. Id-ditta attrici  trid il-ħlas tax-xogħol li sar mill-periti tagħha, meqjus skond it-Tariffa partikolari għal każ bħal tagħha.

Illi din l-azzjoni, l-imħarrkin qegħdin jikkontestawha billi jidrilhom li l-ħlas li qegħdin jintalbu li jħallsu lid-ditta attrici huwa eccessiv tenut kont tax-xogħol li laħaq sar.

Illi ma jidhirx għalhekk li hemm kontestazzjoni dwar l-inkarigu li kien gie mogħti lill-atturi ossia lid-ditta "Dimech-p.ARC" mill-imħarrkin dwar xi xogħolijiet strutturali li l-istess imħarrkin kienu għamlu l-ħsieb tagħhom li jagħmlu fi proprjeta' li huma kienu ser jixtru hawn Għawdex. Jirrizulta mill-korrispondenza esibita senjatament id-dokument JS4 u JS5, u anke' minn dak li ddikjara l-konvenut innifsu, li l-kontestazzjoni tiegħu hija dwar l-ammont li qed jintalab illi jħallas għall-prestazzjonijiet professjonali resi mill-atturi lilhom.

Illi jirrizulta mix-xhieda tal-Perit Joseph Stellini u mid-dokumenti minnu esibiti li kien gie mkejjel is-sit, u anke' gew ippreparati skizzi tad-disinji preliminari tal-progett bizzejjed biex juru l-interpretazzjoni tal-perit dwar l-istruzzjonijiet tal-klijent; saru wkoll ricerki fl-Awtorita' ta' Malta Għall-Ambjent u L-Ippjanar biex jigi assigurat li l-izvilupp li xtaqu jagħmlu l-imħarrkin kien konformi mal-*policies* tal-izvilupp u li ma jkun hemm ebda intopp la darba tigi sottomessa l-applikazzjoni għall-ħrug tal-permess tal-izviupp, liema pjanti saru a bazi ta' skizzi li

kien ghaddielhom l-imharrek David Pinfold kif xtaq hu li jsir l-ippjantar ta' dan l-izvilupp il-gdid. Mhuwiex kontestat mill-imharrek li kienu saru wkoll xi laqghat fl-ufficcju tad-ditta attrici u anke' fis-sit dwar l-izvilupp li xtaqu jaghmlu l-imharrkin fil-proprjeta' li dwarha kellhom il-konvenju ghax-xiri tal-istess.

Illi ma jirrizultax li bejn il-partijiet kien sar xi ftehim bil-miktub li jirregola u jispecifika x-xoghol li kellhom jaghmlu l-periti tad-ditta attrici u r-rati ta' hlas tad-drittijiet professjonali taghhom ghal dawn is-servizzi. Fejn ma jkunx hemm ftehim espress, il-ligi tistabilixxi dawk il-kriterji li ghandhom iservu ta' gwida. Ghalhekk, fil-kaz ta' servizzi professjonali mwettqa minn periti arkitetti, fejn tali prestazzjonijiet ma jkunux gew espressament miftehma bejnhom u l-klijenti taghhom, id-drittijiet jitqiesu kif stabiliti fit-Tariffa “K” tal-Iskeda “A” mehmuza mal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili. Izda, fil-kaz taghhom u konformement mal-aspett fiducjarju tar-relazzjoni professjonali, skond il-Paragrafu 11 tal-imsemmija tariffa, id-drittijiet hekk dovuti japplikaw kemm jekk il-klijent jabbanduna lill-perit u kif ukoll jekk il-perit jabbanduna l-klijent [Prim'Awla Qorti Civili, **Perit Alexander Bezzina et vs Joseph Mizzi noe**, 03/10/2003, u **Perit Arkitett u Inginier Civili Renato LaFerla vs Louis Kirkop**, 26/05/2005].

Illi dwar it-talba ghall-hlas tas-somma mitluba, dan it-Tribunal fela bir-reqqa x-xhieda u l-verzjonijiet taz-zewg partijiet. Ezamina wkoll id-dokumenti mressqa mid-ditta attrici biex tiggustifika t-talba maghmula minnha tax-xoghol li lahaq sar u li tieghu qed jintalab il-hlas indikat fl-avviz tat-talba. Fic-cirkostanzi dan it-Tribunal iqis li l-hlas li qed jintalab mid-ditta attrici, li huwa inqas mid-dritt mahdum fuq l-ispiza totali tax-xogholijiet involuti li kienu qeghdin jikkontemplaw l-imharrkin illi jaghmlu, stmata madwar hmistax il-elf lira maltin (Lm15,000), u mahduma skond il-paragrafu 11 tat-Tariffa K tal-Iskeda A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa gustifikat.

Illi dan kollu ma jhalli l-ebda dubbju f'mohh it-Tribunal li dak li qeghdha titlob id-ditta attrici f'din il-kawza huwa

misthoqq u ghandha jedd ghalih, u m'hemm l-ebda raguni siewja l-ghaliex it-talba taghha m'ghandhiex tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed ghalhekk jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jilqa' t-talba tad-ditta attrici "Dimech-p.ARC", u jikkundanna lill-imharrkin solidalment bejniethom biex ihallsu lill-atturi s-somma ta' tliet mija u tnejn u tletin lira maltin u sitta u sebghin centesimi (Lm332.76) ekwivalenti ghal seba' mija u hamsa u sebghin Euros u tnax il-centesimi [Euros 775.12], inkluz f'dan l-ammont it-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT), bl-imghax legali b'effett mid-data ta' l-ittra ufficjali sad-data tal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, inkluzi tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' April 2004 u tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar 2005, kontra l-istess imharrkin. Dan salv ghall-ispejjez kollha konnessi mat-talba tal-atturi ghall-hatra tal-kuratur u d-dritt tal-kuratur li gie nominat, liema talba tirrizulta li saret intempestivament billi l-konvenuti fil-mument li saret din it-talba sabiex l-imharrkin konjugi Pinfold ikunu rapprezentati minn kuratur, li saret kontestalment mal-prezentata tal-avviz tat-talba, dawn fil-fatt kienu jinsabu hawn Malta u ma kienux imsifrin, liema spejjez ghalhekk ghandhom ibaghtuhom l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------